KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ppreżentati fl-20 ta' Marzu 2012[1]

Kawża C-42/11

João Pedro Lopes Da Silva Jorge

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel d'Amiens (Franza)]

"Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' Arrest Ewropew u għall-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirriżerva l-fakultà tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, f'każ ta' persuni rikjesti li għandhom iċ-ċittadinanza tal-imsemmi Stat — Diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza"

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, li joriġina mill-Cour d'appel d'Amiens (Franza), joffri mill-ġdid l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/JHA, tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri[2]. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna, b'mod partikolari, tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha u tipproċedi biex issib bilanċ bejn il-marġni ta' diskrezzjoni li għandha tiġi rrikonoxxuta lill-Istati Membri meta jimplementaw l-imsemmija deċiżjoni qafas u l-firxa ta' garanziji li għandhom jiġu offruti liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea meta jkunu fil-mira ta' mandat ta' arrest Ewropew biex tiġi eżegwita piena li ċċaħħad mil-libertà.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt internazzjonali*

2. Il-Konvenzjoni dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati, iffirmata fil-21 ta' Marzu 1983 fi Strasbourg, li għaliha l-Istati Membri kollha huma partijiet, tistabbilixxi, fl-Artikolu 2(1), li "[l]-Partijiet jintrabtu sabiex kemm jista' jkun jikkooperaw ma' xulxin fil-qasam tat-trasferiment ta' persuni kkundannati, skont il-kundizzjonijiet previsti bil-Konvenzjoni preżenti". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

3. L-Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati jistabbilixxi:

"Ma jistax isir trasferiment skont it-termini ta' din il-Konvenzjoni jekk mhux bil-kundizzjonijiet segwenti:

a il-persuna kkundannata għandha tkun ċittadina tal-Istat ta' eżekuzzjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34; Rettifika fil-ĠU L 17, 22.1.2009, p. 14.

4. L-Artikolu 3(4) tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati jippreċiża li "[k]walunkwe Stat jista', fi kwalunkwe mument, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jiddefinixxi, inkwantu jikkonċerna lilu, it-terminu "ċittadin" għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584

5. Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tiddefinixxi kif ġej, fl-Artikolu 1 tagħha, il-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligu tal-eżekuzzjoni tiegħu:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-priċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imniżżla fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."

6. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jitkellem dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew. Dan jistabbilixxi, fil-paragrafu 6 tiegħu, li "[l]-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista' tirrifjuta li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew […] jekk [dan] ġie maħruġ għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, fejn il-persuna rikjesta qed toqgħod fi, jew hi ċittadina jew residenta ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni u dak l-Istat jintrabat li jesegwixxi l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni skond il-liġi domestika tiegħu".

7. L-Artikolu 32 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jistabbilixxi li "[it]-talbiet għall-estradizzjoni riċevuti qabel l-1 ta' Jannar 2004 jkomplu jkunu rregolati minn istrumenti eżistenti dwar l-estradizzjoni. It-talbiet riċevuti wara dik id-data jkunu rregolati mir-regoli adottati mill-Istati Membri skond din id-Deċiżjoni Kwadru. Madankollu, kwalunkwe Stat Membru jista', fil-ħin ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru mill-Kunsill, jagħmel dikjarazzjoni li tindika li bħala Stat Membru ta' esekuzzjoni hu ser ikompli jittratta talbiet dwar atti mwettqin qabel data li jispeċifika skond is-sistema ta' estradizzjoni applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2004 […]".

8. Id-dikjarazzjoni tar-Repubblika Franċiża relatata mal-imsemmi Artikolu 32 hija redatta kif ġej:

"Franza tiddikjara, skont l-Artikolu 32 tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, li, bħala Stat ta' eżekuzzjoni, hija ser tkompli tittratta, skont is-sistema ta' estradizzjoni applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2004, it-talbiet relatati ma' atti kommessi qabel l-1 ta' Novembru 1993 […]." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

2. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI

9. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea[3], tistabbilixxi sistema li l-għan tagħha huwa li jiffaċilita l-eżekuzzjoni ta' piena fi Stat Membru għajr dak l-Istat li jkun ta s-sentenza kriminali, biex tiġi żgurata r-rijabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata.

10. L-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jipprovdi li "[l]-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas hija li tistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru, bil-ħsieb li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata, għandu jirrikonoxxi sentenza u jinforza l-piena".

11. L-Artikolu 28(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jistabbilixxi li "[t]albiet riċevuti qabel il-5 ta' Diċembru 2011 għandhom jibqgħu jiġu rregolati skond l-istrumenti legali eżistenti dwar it-trasferiment ta' persuni sentenzjati. Talbiet li jaslu wara dik id-data għandhom jiġu rregolati minn regoli adottati mill-Istati Membri skond din id-Deċiżjoni Qafas".

C – Id-dritt nazzjonali

12. L-Artikolu 695-24 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Franċiż jistabbilixxi r-raġunijiet meta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew tista' tiġi rrifjutata. B'hekk jistabbilixxi li "[l]-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' tiġi rrifjutata:

[…]

2. Jekk il-persuna rikjesta għall-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura ta' sigurtà li jċaħħdu mil-libertà, hija ta' ċittadinanza Franċiża, kemm-il darba l-awtoritajiet Franċiżi kompetenti jintrabtu li jipproċedu għal din l-eżekuzzjoni".

II – Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13. Fl-14 ta' Settembru 2006, qorti kriminali Portugiża ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra l-konvenut fil-kawża prinċipali, J. P. Lopes Da Silva Jorge, ċittadin Portugiż, bl-għan li tiġi eżegwita piena ta' ħames snin priġunerija, mogħtija fl-2003 għal atti kommessi fl-2002. Minn dakinhar, J. P. Lopes Da Silva Jorge beda jgħix Franza.

14. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li fil-11 ta' Lulju 2009, J. P. Lopes Da Silva Jorge żżewweġ ċittadina Franċiża u jgħix magħha fit-territorju Franċiż. Ilu impjegat mit-3 ta' Frar 2008, għal żmien indeterminat, bħala xufier tat-trakkijiet reġjonali ma' kumpannija Franċiża.

15. Fid-19 ta' Mejju 2010, wara li ġie msejjaħ jagħmel dan permezz ta' telefonata, J. P. Lopes Da Silva Jorge ppreżenta ruħu quddiem il-pulizija Franċiża. Dakinhar huwa ġie informat dwar l-eżistenza tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll dwar it-talba ta' konsenja għall-eżekuzzjoni tal-piena, magħmula mill-awtoritajiet Portugiżi. Fl-20 ta' Mejju 2010, il-prosekutur ġenerali tal-qorti tal-appell ta' Amiens talab lill-qorti tar-rinviju tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' J. P. Lopes Da Silva Jorge lill-awtoritajiet Portugiżi.

3 — ĠU L 327, p. 27.

16. Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, il-prosekutur ġenerali essenzjalment sostna li l-mandat ta' arrest Ewropew kien inħareġ mill-awtoritajiet Portugiżi skont ir-rekwiżiti legali u li ma kien hemm l-ebda raġuni obbligatorja jew fakultattiva għar-rifjut tal-eżekuzzjoni, prevista fil-Kodiċi ta' proċedura kriminali Franċiż, li kienet applikabbli. Meta ġie mistieden jieħu pożizzjoni dwar l-impatt tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Wolzenburg [4], il-prosekutur ġenerali sostna li, minkejja li J. P. Lopes Da Silva Jorge kellu d-dritt jipprevalixxi ruħu mil-liġi Franċiża li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, skont dawk stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja u għalhekk jipprevalixxi ruħu mill-Artikolu 695-24 tal-Kodiċi ta' proċedura kriminali, ir-raġuni msemmija fl-imsemmi artikolu, li tikkonċerna biss liċ-ċittadini Franċizi, hija għalkollox fakultattiva u dan skont l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Għalhekk, l-Artikolu 695-24 tal-Kodiċi ta' proċedura kriminali ma japplikax ħlief jekk tiġi sodisfatta l-kundizzjoni doppja li l-mandat ta' arrest inħareġ fil-konfront ta' ċittadin Franċiż u li l-awtoritajiet Franċiżi kompetenti jintrabtu li jipproċedu huma stess għall-eżekuzzjoni tal-piena. Huwa jikkonkludi għalhekk li J. P. Lopes Da Silva Jorge għandu jiġi kkonsenjat lill-awtoritajiet Portugiżi.

17. Waqt il-proċedura fil-kawża prinċipali, J. P. Lopes Da Silva Jorge ddikjara, għall-kuntrarju, li ma kienx jaqbel li jiġi kkonsenjat lill-awtoritajiet Portugiżi u talab li jinżamm priġunier fi Franza billi invoka, fl-ewwel lok, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem, il-"KEDB"), u l-ksur sproporzjonat tad-dritt tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata li d-deċiżjoni għall-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet Portugiżi tista' tkun għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew. Fit-tieni lok, billi bbaża ruħu fuq is-sentenza Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq, huwa invoka ċ-ċirkustanza li d-dritt Franċiż ma jagħtix il-fakultà li wieħed jirrifjuta l-konsenja, ħlief lil ċittadini Franċiżi, u qajjem dubju dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 695-24 tal-Kodiċi kriminali mal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u, b'mod iktar wiesa', mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni kif misjub fl-Artikolu 18 TFUE [5].

18. Quddiem din id-diffikultà ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-awla tal-istruttorja tal-Cour d'appel d'Amiens iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u permezz ta' deċiżjoni tar-rinviju li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Jannar 2011, tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja dawn iż-żewġ domandi preliminari, abbażi tal-Artikolu 267 TFUE:

"1) Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni msemmi fl-Artikolu [18 TFUE] jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 695-24 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, li jipprevedi l-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena li tnaqqas [iċċaħħad] il-libertà fil-każ li l-persuna rikjesta jkollha ċittadinanza Franċiża u li l-awtoritajiet Franċiżi kompetenti jkunu impenjaw ruħhom [intrabtu] li jipproċedu b'din l-eżekuzzjoni?

2) [Il-prinċipju tal-]applikazzjoni fid-dritt nazzjonali tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni previst mill-Artikolu 4(6) ta' din id-deċiżjoni kwadru [2002/584] għandha titħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri jew għandha natura obbligatorja, u b'mod partikolari Stat Membru jista' jadotta miżura li tinkludi fiha diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza?"

III – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. J. P. Lopes Da Silva Jorge, il-Gvernijiet Ċek, Ġermaniż, Franċiż, Olandiż, Awstrijak u Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

4 — Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009 (C-123/08, Ġabra p. I-9621).

5 — Jekk l-atti, u b'mod partikolari t-talba għal deċiżjoni preliminari, jirreferu għall-Artikolu 12 KE, dan għandu ċertament jitqies li huwa l-Artikolu 18 TFUE li huwa intenzjonat.

20. Waqt is-seduta li saret fil-31 ta' Jannar 2012, il-konvenut fil-kawża prinċipali, il-Gvernijiet Ġermaniż, Franċiż, Olandiż u Pollakk kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw is-sottomissjonijiet orali tagħhom.

IV – Analiżi legali

21. Minħabba raġunijiet ta' loġika u wara xi rimarki preliminari, ser nibda l-analiżi tiegħi mit-tieni domanda preliminari.

A – *Rimarki introduttivi*

1. Fuq il-ġurisdizzjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja

22. Ir-Repubblika Franċiża għamlet dikjarazzjoni abbażi tal-ex Artikolu 35(2) UE, li permezz tagħha aċċettat il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi preliminarjament, skont ir-regoli stabbiliti fl-ex Artikolu 35(3)(b) UE[6]. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10(1) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, anness mat-Trattat FUE, is-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja skont it-titolu VI preċedenti tat-Trattat UE kellhom jibqgħu l-istess għal dak li għandu x'jaqsam mal-atti tal-Unjoni adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, inkluż fejn dawn ikunu ġew aċċettati skont l-ex Artikolu 35(2) UE. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

2. Fuq l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584

23. Għalkemm l-Artikolu 32 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jawtorizza lill-Istati Membri tal-eżekuzzjoni jkomplu japplikaw is-sistema ta' estradizzjoni applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2004, mid-dikjarazzjoni tar-Repubblika Franċiża jirriżulta li hija rriżervat din il-possibbiltà unikament għall-atti kommessi qabel l-1 ta' Novembru 1993. Hija għalhekk is-sistema stabbilita permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li hija applikabbli f'sitwazzjoni bħalma hija dik fil-kawża prinċipali, fejn l-atti attribwiti lill-imputat fil-bidu tat-talba seħħew fl-2002 u fejn it-talba nfisha għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew inħarġet wara l-1 ta' Jannar 2004.

24. Madankollu hemm lok li wieħed jistaqsi dwar l-impatt, fuq il-kawża prinċipali, tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Din tal-aħħar, adottata fis-27 ta' Novembru 2008, għandha l-għan li tistabbilixxi r-regoli li jippermettu lil Stat Membru jirrikonoxxi deċiżjoni u jeżegwixxi l-kundanna, u dan bl-għan li l-persuna kkundannata tiġi rijabilitata soċjalment[7]. Id-data assoluta għall-implementazzjoni, mill-Istati Membri, ta' din id-deċiżjoni qafas kienet ġiet stabbilita għall-5 ta' Diċembru 2011[8]. L-intervent ta' din l-iskadenza matul il-proċedura preliminari madankollu, ma għandux impatt dirett fuq il-kawża preżenti. Fil-fatt, l-Artikolu 28 tal-imsemmija deċiżjoni qafas jistabbilixxi li, kemm-il darba ma jkunx hemm dikjarazzjoni unilaterali kuntrarja, it-talbiet li jkunu waslu qabel il-5 ta' Diċembru 2011 għandhom ikomplu jiġu rregolati permezz tal-istrumenti legali eżistenti fil-qasam tat-trasferiment ta'

6 — Ara l-informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet mir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika tal-Ungerija dwar l-aċċettazzjoni tagħhom tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex [t]agħti sentenzi preliminari dwar l-atti msemmija fl-Artikolu 35 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ĠU L 175 M, 29.6.2006, p. 190)

7 — Ara l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909.

8 — Ara l-Artikolu 29 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Ir-Repubblika Franċiża ma osservatx dan it-terminu peress li l-abbozz ta' liġi li għandu l-għan li jimplementa, fl-ordinament ġuridiku Franċiż, id-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għadu, sal-ġurnata tal-preżentata tal-konklużjonijiet tiegħi f'din il-kawża, qed jiġi diskuss quddiem il-Parlament (ara l-abbozz ta' liġi li jikkonċerna diversi dispożizzjonijiet fil-qasam kriminali u ta' proċedura kriminali skont l-obbligi internazzjonali ta' Franza, ippreżentat quddiem is-Senat fil-11 ta' Jannar 2012).

persuni kkundannati. Peress li t-talba għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew waslet għand l-awtoritajiet Franċiżi qabel il-5 ta' Diċembru 2011, is-sitwazzjoni tal-konvenut fil-kawża prinċipali għandha għalhekk tiġi eżaminata fid-dawl tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni f'sens kuntrarju mir-Repubblika Franċiża.

B – *Fuq il-marġni ta' diskrezzjoni mħollija lill-Istati Membri għal dak li għandu x'jaqsam mal-implementazzjoni tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584*

25. Bit-tieni domanda indirizzata lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju essenzjalment trid tiddetermina jekk l-Istati Membri humiex marbuta jimplementaw, fl-ordinamenti ġuridiċi interni rispettivi tagħhom, ir-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva, prevista fl-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u, f'każ ta' risposta pożittiva, jekk humiex marbuta jagħmlu dan għall-każijiet ipotetiċi kollha previsti fl-imsemmi punt, jiġifieri kemm fir-rigward ta' ċittadini nazzjonali kif ukoll ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra li jirrisjedu jew joqogħdu fit-territorju tagħhom.

26. Fl-opinjoni tiegħi, id-diffikultà mhix daqshekk marbuta ma' problema tar-redazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni, iżda iktar hija waħda ta' inċertezzi ġurisprudenzjali li setgħu jagħtu lok għal interpretazzjonijiet diverġenti. Għalhekk, l-ewwel ser neżamina l-formulazzjoni tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 kif ukoll l-istruttura ġenerali ta' din tal-aħħar qabel ma nipproċedi għall-analiżi tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Madankollu, nixtieq preliminarjament, nagħmel għadd ta' osservazzjonijiet li jidhirli li huma essenzjali biex wieħed jifhem aħjar il-kawża preżenti u l-kwistjonijiet li għandna quddiemna. Huwa fundamentali, f'dan ir-rigward, li jitfakkar li l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jistqarr li din tal-aħħar "m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali" kif stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni.

28. Ir-referenza li l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jagħmel għad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali, għandha taġixxi bħala barriera. Fil-qasam kopert mill-imsemmija deċiżjoni qafas u b'mod iktar wiesa' fil-qasam tal-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, mhux possibbli li jiġi applikat il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jinsab fil-qalba tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew, bl-istess mod bħal meta l-kwistjoni tkun waħda għar-rikonoxximent ta' diploma universitarja jew liċenzja tas-sewqan li jkunu nħarġu minn Stat Membru ieħor. Il-kwistjoni lanqas ma hija waħda fejn l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li jkollha l-konsegwenza li tinjora d-drittijiet fundamentali ta' persuni li l-komportament tagħhom seta' jikkostitwixxi theddida għal-libertà, għas-sigurtà jew għall-ġustizzja. Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, b'mod iktar partikolari meta japplika fir-rigward ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena, bħalma huwa l-każ fil-kawża prinċipali, ma jistax japplika b'mod awtomatiku iżda għandu, għall-kuntrarju, jiġi previst fid-dawl tal-kuntest personali u uman tas-sitwazzjoni individwali li tinsab fil-bażi ta' kull talba għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew. Għalhekk — u l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 qiegħed hemm biex ifakkar dan —, meta jiġi applikat il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fis-sens tal-imsemmija deċiżjoni qafas, il-preservazzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ewwel fosthom id-dinjità tal-persuna kkundannata[9], għandha tkun l-ossessjoni tal-leġiżlatur nazzjonali meta dan jittrasponi l-atti tal-Unjoni, tal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali meta dawn jagħmlu użu mill-prerogattivi konċessi lilhom mid-dritt tal-Unjoni, iżda wkoll tal-Qorti tal-Ġustizzja meta jsirulha domandi dwar l-interpretazzjoni

9 — Id-dinjità umana hija l-ewwel mid-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 1 tal-imsemmija karta).

ta' dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Huwa b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju superjuri tal-protezzjoni tad-dinjità umana, li jikkostitwixxi l-pedament tad-drittijiet fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li l-moviment liberu tad-deċiżjonijiet kriminali għandu jiġi żgurat, iżda wkoll, jekk ikun il-każ, limitat.

29. Huwa b'qies kontinwu għal din l-interpretazzjoni umanista tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, li nippropponi issa li ngħaddu għall-analiżi.

1. Interpretazzjoni letterali u teleoloġika

30. Preliminarjament, għandu jitfakkar li d-deċiżjonijiet qafas, bħala atti legali tal-Unjoni, jorbtu, skont it-termini tal-ex Artikolu 34(2)(b) UE, lill-Istati Membri "dwar ir-riżultat li għandu jinkiseb iżda jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forma u l-metodi".

31. Iktar partikolarment, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tistabbilixxi, fl-Artikoli 3 u 4 tagħha, ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew indirizzati għall-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Limitatament enumerati fl-imsemmija deċiżjoni qafas, biex ma jitpoġġiex fil-periklu l-prinċipju nnifsu tal-konsenja, dawn ir-raġunijiet xi kultant jikkonċernaw in-nuqqas tal-eżekuzzjoni obbligatorja u xi kultant in-nuqqas tal-eżekuzzjoni fakultattiva. Jirriżulta, fil-fatt, mit-titolu tal-Artikolu 4 ("Raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew") li r-raġunijiet ma humiex dawk ir-raġunijiet li l-implementazzjoni tagħhom mill-Istati Membri hija fakultattiva, iżda l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew imħollija għall-evalwazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali [10].

32. Ikkunsidrat b'mod iżolat mill-punti l-oħra li jinsabu fih, it-test tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jistabbilixxi li l-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew tista' tirrifjuta l-mandat ta' arrest Ewropew, jekk dan tal-aħħar ġie maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena, meta l-persuna rikjesta toqgħod fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, hija ċittadina jew tirrisjedi hemmhekk u meta dan l-Istat Membru jintrabat li jeżegwixxi din il-piena skont id-dritt intern tiegħu.

33. L-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqri fid-dawl tal-ex Artikolu 34 UE, jeżiġi għalhekk li l-Istati Membri jimplementaw, fi ħdan l-ordinament ġuridiku tagħhom, ir-raġuni għan-nuqqas tal-eżekuzzjoni li l-imsemmi paragrafu jipprovdi, u dan fil-forom kollha tagħha. Ma jidhirlix li wieħed għandu jagħti importanza sinjifikanti lill-użu tal-konġunzjoni "jew" fil-test tal-imsemmi paragrafu. Ċertament, kif stqarrew ċerti partijiet li kienu preżenti waqt is-seduta, il-biċċa l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi jużaw l-imsemmija konġunzjoni [11] filwaqt li l-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża, pereżempju, tuża l-kelma "und" (u) biex tiddetermina l-kategoriji ta' persuni li jistgħu jibbenefikaw mir-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni prevista fl-Artikolu 4(6) tal-imsemmija deċiżjoni qafas. Ma nistax ma ngħidx li tali argument huwa, tal-inqas, dgħajjef, jekk mhux ukoll irrilevanti, tant li ma kienx jagħmel sens li l-Artikolu 4(6) jiġi redatt, fil-verżjoni Franċiża tiegħu, bl-użu tal-konġunzjoni "u". Ir-riskju seta' kien li wieħed jara jiżviluppa quddiemu argument assurd, li jgħid li hija biss persuna li hija ċittadina tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, li toqgħod hemmhekk jew tirrisjedi hemmhekk li setgħet tibbenefika mill-imsemmija raġuni.

34. Anki li kieku wieħed kellu jippreżupponi li l-Istati Membri ma humiex marbuta jimplementaw l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, inkwantu l-leġiżlatur Franċiż kellu l-intenzjoni manifesta li jipproċedi għat-traspożizzjoni tagħha, permezz tal-Artikolu 695-24 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, l-imsemmi leġiżlatur nazzjonali kien marbut jagħmel dan fir-rigward tal-kategoriji ta' persuni kollha

10 — Ir-redazzjoni hija wkoll ċara fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra: nirreferi hawnhekk essenzjalment għat-titolu tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fil-verżjonijiet tiegħu bil-lingwa Spanjola ("Motivos de no ejecución facultativa de la orden de detención europea"), Ingliża ("Grounds for optional non-execution of the European arrest warrant"), Taljana ("Motivi di non esecuzione facoltativa del mandato di arresto europeo"), kif ukoll Portuġiża ("Motivos de não execução facultativa do mandado de detenção europeu").

11 — Dan huwa l-każ b'mod partikolari tal-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola, Ingliża, Franċiża, Taljana u Portuġiża.

msemmija fl-Artikolu 4(6). Fil-fatt, lil hinn mid-diverġenzi lingwistiċi potenzjali, jirriżulta, fl-opinjoni tiegħi mingħajr dubju, mill-għan li huwa segwit mill-Artikolu 4(6) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, li l-Istati Membri huma marbuta jimplementaw dan il-punt b'mod li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom ikunu f'pożizzjoni, eventwalment, li jirrifjutaw li jeżegwixxu l-mandat ta' arrest Ewropew mhux biss fir-rigward taċ-ċittadini tagħhom stess iżda wkoll fir-rigward taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, kemm-il darba jwieġbu għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, u dan billi jipproċedu għal analiżi globali tas-sitwazzjoni individwali tagħhom.

35. Li wieħed jikkonkludi f'dan is-sens ma jidhirlix, kuntrarjament għal dak sostnut mill-biċċa l-kbira tal-partijiet li intervjenew matul il-kawża preżenti, li jmur kontra l-prinċipju fundamentali li fuqu hija msejsa d-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jiġifieri dak tar-rikonoxximent reċiproku. Skont dawn il-partijiet, ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni stabbiliti fl-imsemmija deċiżjoni qafas għandhom jiġu interpretati b'mod partikolarment restrittiv, sabiex il-konsenja tiġi ffaċilitata, u dan b'mod konformi mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

36. Huwa minnu li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-prinċipju, "li fuqu hija bbażata s-sistema tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jimplika, skont l-Artikolu 1(2) ta' din tal-aħħar, li l-Istati Membri huma fil-prinċipju obbligati jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew"[12]. Madankollu ninnota, minkejja l-importanza mogħtija lill-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fl-imsemmija deċiżjoni qafas, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ippreveda raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni. Dan madankollu b'mod limitattiv u preċiżament b'mod li jiġi ggarantit li l-prinċipju jibqa' dak tal-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej. B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu l-għan li jżid il-possibbiltajiet tar-rijabilitazzjoni soċjali tal-persuna rikjesta, mal-iskadenza tal-piena tiegħu[13]. Għaldaqstant, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku kif implementat mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, importanti kemm huwa importanti, ma ġiex ikkonċeput, mil-leġiżlatur tal-Unjoni, bħala assolut. Ir-referenza għad-drittijiet fundamentali li jinsabu fl-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tikkonferma dan, kif indikajt preliminarjament. L-Artikolu 4(6) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jirriżulta wkoll li huwa manifestazzjoni ċara tal-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jħalli f'idejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, jekk ikun il-każ, il-possibbiltà li jaslu għal konċiljazzjoni mal-imsemmi prinċipju, meta jkollhom quddiemhom sfida tant ieħor fundamentali li għandha tiġi ppreżervata, daqs kemm hija r-rijabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata.

37. Dan l-għan tar-rijabilitazzjoni ma huwiex biss fl-interess individwali tal-persuna kkundannata. Rijabilitazzjoni soċjali li tkun irnexxiet, f'ambjent li huwa familjari għall-imsemmija persuna, huwa wkoll garanzija supplimentari għas-soċjetà li magħha l-eżistenza tiegħu hija marbuta, li l-probabbiltajiet li l-komportament devjanti tiegħu jirrepeti ruħu, ikunu inqas. Għalhekk, l-importanza li l-leġiżlatur tal-Unjoni jagħti lil dan il-fatt ġiet ikkonfermata b'mod espliċitu permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 li l-għan tagħha huwa, skont l-Artikolu 3(1) tagħha, "li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata".

38. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "l-għan […] fl-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 […] huwa b'mod partikolari li tkun tista' tingħata importanza partikolari lill-possibbiltà li jitkabbru l-opportunitajiet għar-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna rikjesta wara li tkun skontat il-piena li għaliha tkun ġiet ikkundannata, tali għan, għalkemm importanti, ma jistax jeskludi li l-Istati Membri, fl-implementazzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas, jillimitaw, fis-sens indikat mir-regola essenzjali stabbilita fl-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni qafas, is-sitwazzjonijiet li fihom għandu jkun possibbli li tiġi rrifjutata l-konsenja ta' persuna li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 4(6)"[14]. B'dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għamlet xejn ħlief fakkret li l-imsemmi Artikolu 4(6) ma għandux il-pretensjoni li jikkonċedi dritt inkondizzjonat, lill-persuna kkundannata, li tiskonta l-piena tagħha fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni u li, fil-każ preżenti, l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li

12 — Sentenza Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq (punt 57).

13 — *Ibidem* (punt 67).

14 — *Ibidem* (punt 62).

kienet tissuġġetta l-benefiċċju tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva, għal ċittadini ta' Stati Membri oħra, għal perijodu ta' residenza regolari ta' ħames snin, kienet konformi mal-imsemmija deċiżjoni qafas. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ħadet pożizzjoni dwar l-applikazzjoni, f'sitwazzjoni partikolari ta' leġiżlazzjoni li kienet tillimita, mingħajr madankollu ma telimina, l-ipoteżijiet li fihom kien possibbli li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew. Barra minn hekk ser nirreferi iktar 'il quddiem għall-prudenza li biha l-ġurisprudenza eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi invokata [15].

39. Kuntrarjament għal dak li sostna l-Gvern Franċiż, l-interpretazzjoni li qed nipproponi tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, la tagħti lok li tiġi konċessa l-impunità lill-perusna rikjesta u lanqas ma tqajjem kwistjonijiet relatati mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku peress li, fil-fatt, l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jistax jirrifjuta li jeżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew ħlief bil-kundizzjoni espressa li jintrabat li jeżegwixxi l-piena fit-territorju tiegħu, mingħajr qatt ma jikkontesta d-deċiżjoni li permezz tagħha ġiet imposta l-piena. F'dan is-sens, il-loġika tar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati hija għal kollox ippreżervata, anki fl-ipoteżi fejn il-persuna rikjesta tiskonta l-piena tagħha fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, u mhux f'dak li jkun ta l-piena. L-interpretazzjoni li nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma jidhirlix għalhekk li hija kuntrarja la għall-istruttura ġenerali u lanqas għall-għanijiet tagħha.

40. Fl-aħħar nett, ma nistax ma naħsibx li interpretazzjoni tal-Artikolu 4(6) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, li tippermetti li tiġi meqjusa bħala konformi ma' din tal-aħħar, leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi, mingħajr l-ebda distinzjoni, lil kull ċittadin tal-Unjoni li joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru, mill-benefiċċju potenzjali tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva, għall-unika raġuni li ma għandux iċ-ċittadinanza tal-imsemmi Stat Membru, tmur b'mod dirett kontra numru sostanzjali ta' drittijiet u prinċipji legali fundamentali li l-osservanza tagħhom hija imposta mill-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, bil-konsegwenza li hija stess tkun diffiċilment kompatibbli mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri u l-kamp tal-applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, fis-sentenza tagħha Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq, li "[f]l-implementazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'mod partikolari fl-implementazzjoni tal-Artikolu 4(6) tagħha, […] l-Istati Membri neċessarjament għandhom marġni reali ta' diskrezzjoni" [16]. Ma naħsibx mandankollu li b'dan hija kellha f'moħħha ħaġa oħra għajr il-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxuta permezz tat-trattat lill-Istati Membri, għal dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-forma u tal-metodi għall-implementazzjoni tad-deċiżjonijiet qafas. Fi kwalunkwe każ, din il-marġni ta' diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata b'rispett tad-dritt tal-Unjoni [17].

42. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kienet mitluba tinterpreta l-Artikolu 4(6) tad-deċiżjoni qafas u l-partijiet interessati li ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-kuntest ta' din il-kawża għamlu referenzi estensivi għas-sentenzi Kozłowski [18] u Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq, mogħtija f'dan ir-rigward. Il-maġġoranza tal-imsemmija partijiet iddeduċew, mill-punt 58 ta' din is-sentenza Wolzenburg, favur il-konċessjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-libertà lil-leġiżlatur nazzjonali li jimplementa d-diversi raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Skont dan il-punt tal-imsemmija sentenza Wolzenburg, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li "leġiżlatur nazzjonali li, abbażi

15 — Ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 — Sentenza Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq (punt 61).

17 — *Ibidem* (punt 45).

18 — Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Kozłowski (C-66/08, Ġabra p. I-6041).

tal-possibbiltajiet mogħtija lilu mill-Artikolu 4 tad-deċiżjoni qafas imsemmija, jagħżel li jillimita s-sitwazzjonijiet li fihom l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tiegħu tista' tirrifjuta l-konsenja ta' persuna rikjesta jkun qiegħed sempliċement isaħħaħ is-sistema ta' konsenja stabbilita minn din id-deċiżjoni qafas favur spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja".

43. Wieħed ma jistax madankollu jinsa li s-sitwazzjoni fir-rigward tad-dritt nazzjonali kienet differenti ħafna fil-kuntest tal-kawża Wolzenburg, peress li hawnhekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar liġi li effettivament kienet timplementa l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, anki fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra għajr dak ta' eżekuzzjoni. Din hija differenza fundamentali meta mqabbla mal-kawża preżenti u titlob għalhekk prudenza kbira meta wieħed jiġi biex jinspira ruħu mid-dikjarazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja li jinsabu fis-sentenzi mogħtija f'dan ir-rigward, u b'mod partikolari s-sentenza Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq, liema sentenzi, *ipso facto* ma jistgħux jiġu trasposti għall-każ ta' Stat Membru li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu tirriżerva l-benefiċċju tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 liċ-ċittadini tiegħu biss. L-interpretazzjoni ta' dan il-punt 58 għandha għalhekk issir fid-dawl tal-kuntest nazzjonali partikolari inkwistjoni ta' dak il-każ.

44. Għalhekk, kieku wieħed kellu jislet konklużjoni mill-imsemmi punt, din tkun li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tobbligax lill-Istati Membri jirrikonoxxu dritt inkondizzjonat liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li jirrisjedu jew joqogħdu fit-territorju tagħhom, biex b'hekk tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew li jikkonċernahom. Il-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxuta lill-Istati Membri, li wkoll hija kkonċernata f'din is-sentenza, tista' tkun espressa permezz tal-limitazzjoni ta' każijiet bħal dawn [19], iżda ċertament mhux permezz ta' esklużjoni totali taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, mill-benefiċċju tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva, stabbilita fl-Artikolu 4(6) tal-imsemmija deċiżjoni qafas. Huwa ċar li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tobbliga lill-Istati Membri li jipprevedu, permezz tal-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom, il-kompitu li jeżaminaw kull sitwazzjoni individwali permezz ta' evalwazzjoni globali, fl-ipoteżi fejn l-imsemmija awtoritajiet ikunu mitluba ma jipproċedux bil-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena fir-rigward ta' ċittadin tal-Istat ta' eżekuzzjoni, ta' persuna li toqgħod jew li tirrisjedi hemmhekk [20].

45. Barra minn hekk jirriżulta wkoll b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li din tal-aħħar ma tqisx il-kamp tal-applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 bħala wieħed li jista' jkollu fil-mira tiegħu jew liċ-ċittadini nazzjonali tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni jew inkella ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li jirrisjedu jew joqogħdu fit-territorju tiegħu, jew inkella t-tnejn f'daqqa. Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt iddikjarat fil-punt 34 tas-sentenza Kozłowski, iċċitata iktar 'il fuq, li, "skont l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas [2002/584], il-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-raġuni għall-għażla tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni huwa limitat għall-persuni li, jekk ma jkunux ċittadini tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, "toqgħod [joqogħdu]" hemm jew huma "residenta [residenti]" hemm".

46. Għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb għat-tieni domanda preliminari fis-sens li, bla ħsara għall-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni li jgawdu minnu u b'rispett tad-dritt tal-Unjoni għal dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li għalihom tista' tkun suġġetta l-applikazzjoni tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni prevista fl-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li jirrisjedu jew joqogħdu fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri huma marbuta jimplementaw l-imsemmi Artikolu 4(6) b'mod li l-awtoritajiet ġudizzjarji eżekuttivi jkollhom il-fakultà li jirrifjutaw l-eżekuzzjoni

19 — Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, barra minn hekk, li l-liġi Olandiża li tirriżerva l-benefiċċju tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'mod inkundizzjonat għaċ-ċittadini Olandizi, u għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra bil-kundizzjoni li jkunu ilhom jirrisjedu legalment fit-territorju Olandiż b'mod kontinwu għall-inqas għal ħames snin, kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni.

20 — Il-premessa 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 titlob, b'mod ċar, f'dan is-sens meta tistabbilixxi li "[d]eċiżjonijiet dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli suffiċjenti, li jfisser li awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru fejn il-persuna rikjesta ġiet arrestata jkollha tieħu d-deċiżjoni fuq il-konsenja tagħha".

ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena, kemm għal dak li għandu x'jaqsam ma' ċittadini tagħhom kif ukoll ma' ċittadini ta' Stati Membri oħra li joqogħdu jew jirrisjedu fit-territorju tagħhom, liema fakultà l-imsemmija awtoritajiet għandu jkollhom il-possibbiltà li jeżerċitawha fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull każ partikolari.

C – *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

47. Fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għall-ewwel domanda eżaminata preċedentement hija biżżejjed biex toffri kjarifiki utli lill-qorti tar-rinviju. Madankollu, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li l-Istati Membri ma humiex marbuta, unikament abbażi tat-termini tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jimplementaw l-Artikolu 4(6) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, kemm fir-rigward taċ-ċittadini tagħhom kif ukoll fir-rigward taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li joqogħdu jew jirrisjedu fit-territorju tagħhom u kellha tikkonkludi li l-Istat Franċiż għamel użu mill-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu b'mod konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ikollha tieħu pożizzjoni dwar il-fatt li jiġi stabbilit jekk il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma hija dik fil-kawża prinċipali.

48. Irid jingħad, fl-ewwel lok, li l-konvenut fil-kawża prinċipali għamel użu mil-libertà tiegħu ta' moviment meta mar fit-territorju Franċiż fejn jirrisjedi legalment u fejn stabbilixxa ħajja familjari. L-Istati Membri ma jistgħux, fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' deċiżjoni qafas, jippreġudikaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relalati mal-libertà rrikonoxxuta lil kull ċittadin tal-Unjoni li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri[21]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li ċittadin ta' Stat Membru li jirrisjedi legalment fi Stat Membru ieħor jista' jinvoka l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad mil-libertà[22]. *A fortiori*, dan għandu jkun il-każ fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Franċiża inkwistjoni fil-kawża prinċipali li teskludi lil kull ċittadin tal-Unjoni, ħlief liċ-ċittadini Franċiżi, mill-benefiċċju tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni prevista fl-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Konsegwentement, hemm lok li wieħed iqis li l-konvenut fil-kawża prinċipali għandu d-dritt jipprevalixxi ruħu mill-Artikolu 18 TFUE fir-rigward tal-imsemmija leġiżlazzjoni. Jibqa' għalhekk li jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 695-24 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali fihx diskriminazzjoni msejsa fuq iċ-ċittadinanza.

49. Jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat[23].

50. Jirriżulta b'mod manifest mil-leġiżlazzjoni Franċiża li ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra huma suġġetti għal trattament li huwa differenti meta mqabbel ma' dak applikabbli għaċ-ċittadini Franċiżi. Fil-fatt, l-argument imressaq minn ċerti gvernijiet li jsostni li, f'tali ipoteżi, l-individwi nazzjonali ma humiex f'sitwazzjoni komparabbli għal dik taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra ma jistax jintlaqa'. Dawn il-gvernijiet insistew fuq id-differenza bejn in-natura tar-rabta li tgħaqqad ċittadin mal-Istat ta' ċittadinanza tiegħu mar-rabta li tgħaqqad ċitaddin tal-Unjoni mal-Istat ta' residenza tiegħu, li tiegħu ma għandux iċ-ċittadinanza. Huwa naturali li kull ċittadin Franċiż, pereżempju, ikollu rabta qawwija ħafna, li tikkonkretizza ruħha bil-pussess taċ-ċittadinanza, mas-soċjetà Franċiża u dan jiġġustifika li

21 — Ara s-sentenza Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45).

22 — *Ibidem* (punt 47).

23 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Mejju 2007, Advocaten voor de Wereld (C-303/05, Ġabra p. I-3633, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq (punt 62).

l-Istat Franċiż jintrabat fir-rigward uniku tiegħu li jeżegwixxi l-piena mogħtija minn Stat Membru tal-Unjoni fit-territorju tiegħu. Ma nistax ma naħsibx li, li kieku kellna nieqfu fuq dan it-tip ta' argumenti, id-dritt tal-Unjoni ma kienx ċertament jesperjenza l-iżviluppi straordinarji li kkaratterizzawh sal-lum il-ġurnata. Inħoss li diskors bħal dan għadda żmienu.

51. Wieħed jista' faċilment jifhem ix-xewqa ta' Stat Membru li jadotta ċerti garanziji u li jintrabat li jeżegwixxi piena li tkun ingħatat minn pajjiż ieħor — u dan żgur mhux forsi li jirrappreżenta responsabbiltà qawwija għall-imsemmi stat — fir-rigward biss ta' persuni li għandhom rabta reali, stabbli u dejjiema mas-soċjetà tal-Istat inkwistjoni. Min-naħa l-oħra mhux eżatt li wieħed isostni li huma biss il-persuni mogħnija biċ-ċittadinanza ta' dak il-pajjiż li huma f'pożizzjoni li jkollhom tali rabta. Il-każ tal-konvenut fil-kawża prinċipali huwa eżempju ċar ħafna. Il-libertà ta' moviment u ta' residenza, konċessa mid-dritt tal-Unjoni, għandha wkoll bħala konsegwenza diretta l-fatt li llum il-ġurnata mhux possibbli li wieħed jippreżumi, b'mod indiskutibbli, li l-possibbiltajiet ta' rijabilitazzjoni ta' persuna kkundannata huma l-iktar għolja fl-uniku pajjiż li tiegħu l-persuna għandha ċ-ċittadinanza. Għalhekk, żgur li hemm lok li jiġi meqjus li l-leġiżlazzjoni Franċiża tittratta sitwazzjonijiet komparabbli b'mod differenti.

52. Tali differenza fit-trattament tista' tirriżulta li hija konformi mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jekk tkun oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata għall-għan leġittimu segwit, jiġifieri li hija ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan [24].

53. Il-Gvern Franċiż sostna li d-differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tiegħu u ċittadini ta' Stati Membri oħra tispjega ruħha oġġettivament. Huwa jirreferi għal diffikultà marbuta mal-istat tad-dritt intern tiegħu. L-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fil-fatt jipprevedi li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jintrabat li jeżegwixxi l-piena mogħtija f'pajjiż ieħor, fit-territorju tiegħu skont id-dritt intern tiegħu. Irid jingħad li d-dritt pożittiv Franċiż ma jippermettix lill-Istat Franċiż li jieħu din ir-responsabbiltà. Il-Gvern Franċiż fakkar f'dan r-rigward li l-eżekuzzjoni, fi Franza, ta' piena mogħtija f'pajjiż ieħor tqajjem domandi legali importanti legali li ma humiex irregolati permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, raġuni li għaliha l-Artikolu 4(6) jirreferi għad-drittijiet interni tal-Istati Membri. Is-sistema legali li teżegwixxi l-pieni mogħtija f'pajjiż ieħor ma hijiex uniformi u tiddependi, ta' spiss, minn konvenzjonijiet internazzjonali, bilaterali u multilaterali, u l-Istat Franċiż ma jistax jiddeċiedi unilateralment li jeżegwixxi, fit-territorju tiegħu, piena mogħtija fi Stat Membru ieħor, inkwantu ma jkunx jista' jiggarantixxi lill-persuna kkundannata li l-eżekuzzjoni tal-piena tagħha tkun irrikonoxxuta fl-Istat li ta din il-piena.

54. Jidhirli li dan l-argument jista' jiġi attakkat b'żewġ modi, l-ewwel nett billi tiġi miċħuda l-ġustifikazzjoni magħmula u, sussegwentement, billi tiġi enfasizzata n-natura manifestament sproporzjonata tal-leġiżlazzjoni Franċiża.

55. Għal dak li għandu x'jaqsam mad-diffikultà invokata mill-Gvern Franċiż, marbuta mal-istat tad-dritt intern tiegħu, infakkar, preliminarjament, li l-Qorti tal-Ġustizzja rarament tirriżerva destin favorevoli lil dan it-tip ta' argumenti.

56. Ninnota sussegwentement li l-Gvern Franċiż ammetta, waqt is-seduta, li jekk id-dritt Franċiż ma jippermettix, preżentement, li tiġi eżegwita piena mogħtija minn Stat Membru fir-rigward ta' persuna li ma hijiex ta' ċittadinanza Franċiża, dan huwa iktar minħabba l-interpretazzjoni tal-leġiżlatur fir-rigward tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li tgħid li dan tal-aħħar ma jimponix fuq l-Istati Membri l-obbligu ta' trattament ugwali bejn iċ-ċittadini nazzjonali u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, milli minħabba ostakolu legali insurmontabbli, irrappreżentat mid-dritt internazzjonali konvenzjonali li attwalment jorbot lill-Istat Franċiż. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssollevat, ġustament, li l-Istat Franċiż huwa parti, bħall-Istati Membri kollha tal-Unjoni, għall-konvenzjoni dwar

24 — Is-sentenza Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq (punt 69).

it-trasferiment ta' persuni kkundannati [25]. Din tistabbilixxi li t-trasferiment jista' jsir meta l-persuna kkundannata hija ċittadina tal-Istat ta' eżekuzzjoni [26] iżda tiddisponi wkoll li l-Istati li huma partijiet jistgħu jiddeterminaw unilateralment, permezz ta' dikjarazzjoni li tista' ssir fi kwalunkwe mument, id-definizzjoni li għandhom l-intenzjoni li jagħtu lill-kunċett ta' "ċittadin" fis-sens tal-imsemmija konvenzjoni [27], b'mod li l-Istat Franċiż seta' effettivament jestendi l-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija konvenzjoni għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra [28].

57. Fl-aħħar nett, anki li kieku wieħed kellu jippreżupponi — u minn dan bl-ebda mod ma jien konvint — li huwa biss wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 li l-aspetti legali marbuta mal-eżekuzzjoni ta' piena mogħtija fi Stat Membru ieħor bdew jiġu rregolati, irrid ngħid li, billi naqas li jimplementa, fit-termini konċessi, l-imsemmija deċiżjoni qafas, il-leġiżlatur Franċiż huwa, mill-5 ta' Diċembru 2011, l-uniku responsabbli għall-allegat nuqqas fid-dritt intern tiegħu u jista' għalhekk, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' b'mod favorevoli l-argument relatat mad-diffikultajiet ikkawżati mill-istat tad-dritt pożittiv Franċiż, ikompli jislet vantaġġ min-negliġenza tiegħu. Irid jingħad — u dan ġie wkoll ammess mill-Gvern Franċiż waqt is-seduta —, li l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fih referenza flessibbli għad-dritt intern b'mod li anki jekk it-talbiet li rċieva l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, qabel il-5 ta' Diċembru 2011, għadhom qed jiġu rregolati mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-kontribut tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jista' jittieħed inkunsiderazzjoni preċiżament għaliex, permezz tal-implementazzjoni tagħha, hija ġabet bidla u adattament fid-drittijiet interni tal-Istati Membri.

58. Barra minn hekk, huwa ċar li liġi li għandha, bħala riżultat, l-esklużjoni, purament u sempliċement, taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li ma għandhomx iċ-ċittadinanza Franċiża, mill-benefiċċju tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni prevista fl-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, hija sproporzjonata. Hija ċċaħħad, b'mod sistematiku, lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti mis-setgħa diskrezzjonali tas-sitwazzjonijiet individwali u tippreżumi, b'mod kemm perentorju kif ukoll irribattibbli, l-impossibbiltà legali li wieħed jipproċedi għall-eżekuzzjoni tal-piena fit-territorju Franċiż. Jirriżulta mill-argument żviluppat mill-Gvern Franċiż, li s-sitwazzjoni hija iktar varjata u li minħabba li ma jistax jiġi stabbilit qafas legali uniku għall-każijiet kollha ipotetiċi li jistgħu jqumu quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat, għal kull każ partikolari, id-dritt applikabbli peress li dan jista' jinbidel skont l-Istat taċ-ċittadinanza tal-persuna kkundannata. Il-liġi fil-kawża prinċipali hija sproporzjonata inkwantu teskludi *a priori*, mill-benefiċċju tal-imsemmija raġuni, lil persuni kkundannati li madankollu setgħu potenzjalment jitolbu, fid-dawl tar-regoli tad-dritt applikabbli għat-talba tagħhom, li l-piena tagħhom tiġi eżegwita fit-territorju Franċiż.

59. Għar-raġunijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, fis-sens li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 18 TFUE, jipprekludi liġi nazzjonali bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, milli tirriżerva l-fakultà li tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena, fil-każ fejn il-persuna rikjesta hija ta' ċittadinanza Franċiża u l-awtoritajiet kompetenti Franċiżi jintrabtu li jipproċedu għal din l-eżekuzzjoni.

25 — Ara l-punt 2 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 — Ara l-Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati.

27 — Ara l-Artikolu 3(4) tal-Konevnzjoni dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati.

28 — Jirriżulta, barra minn hekk, mill-analiżi tad-dikjarazzjonijiet unilaterali tal-Istati li huma partijiet għall-Konvenzjoni dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati, li għallinqas seba' Stati Membri tal-Unjoni estendew il-kunċett ta' "ċittadini", fis-sens tal-imsemmija konvenzjoni, għal persuni li għandhom ir-residenza jew id-domiċilju tagħhom fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew għal persuni li stabbilixxew ruħhom hemmhekk b'mod definittiv (Ir-Renju tad-Danimarka, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika Slovakka u r-Renju tal-Isvezja). L-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jipprevedu, min-naħa tagħhom, il-possibbiltà li jestendu l-imsemmi kunċett wara l-evalwazzjoni tar-rabtiet stretti li jorbtu lill-persuna kkundannata mal-Istat ikkonċernat.

D – *Fuq l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi*

60. Fis-sentenza Pupino, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li "l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi japplika fir-rigward ta' deċiżjonijiet-qafas adottati fil-kuntest tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Waqt li tapplika d-dritt nazzjonali, il-qorti tar-rinviju li trid tinterpreta dan id-dritt għandha, kemm huwa possibbli, tagħmel dan fid-dawl tat-test u ta' l-għan tad-deċiżjoni-qafas sabiex jintlaħaq ir-riżultat maħsub f'din ta' l-aħħar u sabiex ikun hemm konformità ma' l-[ex] Artikolu 34(2)(b) UE"[29]. Barra minn hekk, "[l]-obbligu ta' Mħallef nazzjonali li jirreferi għall-kontenut ta' deċiżjoni-qafas fl-interpretazzjoni tar-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali tiegħu jispiċċa meta dan l-obbligu ma jkunx jista' jiġi applikat b'mod li jinkiseb riżultat kompatibbli ma' dak maħsub minn din id-deċiżjoni-qafas. Fi kliem ieħor, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jistax ikun ta' bażi għal interpretazzjoni li tmur kontra l-liġi nazzjonali"[30].

61. Għandu jkun il-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk fl-imsemmija kawża, huwiex possibbli li tingħata interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali tagħha. Ser nillimita ruħi biex infakkar li, fl-ipoteżi fejn il-qorti tar-rinviju tqis li tali interpretazzjoni hija possibbli, pereżempju billi tinterpreta l-espressjoni "ta' ċittadinanza Franċiża" li tinsab fl-Artikolu 695-24(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura kriminali, bħala waħda li tqis ukoll bħala ċittadinanzi ekwivalenti, dawk tal-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni, l-imsemmija qorti jkollha tqis id-diversi għanijiet segwiti mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li jinkludu s-suċċess tar-rijabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata, u tkun tista' utilment tispira ruħha mill-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 48 tas-sentenza Kozłowski kif ukoll mid-dikjarazzjoni li tinsab fil-punt 76 tas-sentenza Wolzenburg, iċċitata iktar 'il fuq, biex tipproċedi għall-evalwazzjoni globali tar-rabta ta' konnessjoni bejn il-konvenut fil-kawża prinċipali u s-soċjetà Franċiża, biex jiġi ddeterminat jekk huwa għandux jitlob li l-piena tiegħu tiġi eżegwita fit-territorju Franċiż.

V – Konklużjoni

62. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għaż-żewġ domandi preliminari magħmula mill-Cour d'appel d'Amiens:

"1. Bla ħsara għall-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni li jgawdu minnu, u b'rispett tad-dritt tal-Unjoni għal dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li għalihom tista' tkun suġġetta l-applikazzjoni tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni prevista fl-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/JHA, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri, għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li jirrisjedu jew joqogħdu fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri huma marbuta jimplementaw l-imsemmi Artikolu 4(6) b'mod li l-awtoritajiet ġudizzjarji eżekuttivi jkollhom il-fakultà li jirrifjutaw l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena, kemm għal dak li għandu x'jaqsam ma' ċittadini tagħhom kif ukoll ma' ċittadini ta' Stati Membri oħra li joqogħdu jew jirrisjedu fit-territorju tagħhom, liema fakultà l-imsemmija awtoritajiet għandu jkollhom il-possibbiltà li jeżerċitawha fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull każ partikolari.

2. Fi kwalunkwe każ, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 18 TFUE jipprekludi liġi nazzjonali bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirriżerva l-fakultà li tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena, fil-każ fejn il-persuna rikjesta hija ta' ċittadinanza Franċiża u l-awtoritajiet Franċiżi jintrabtu li jipproċedu għal din l-eżekuzzjoni."

29 — Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, Ġabra p. I-5285, punt 43).

30 — *Ibidem* (punt 47).